# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 298/2013**

Il-Pulizija

vs

**David Falzon**

iben George , imwieled Pieta', fil-25 ta' Awwissu, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 405789(M)

Illum, 19 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Falzon quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-erbatax (14) ta'Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) ghal habta tat-15:00hrs, u fis-snin ta' qabel, fil-fond 'Goldfinch', Triq Guze Muscat Azzopardi, Qormi, zamm xi ghasfur, kemm haj kemm jekk mejjet, jew parti minn xi ghasfur li, l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selavggi, kontra d-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konseravzzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 ta' l-2006) meta dak l-ghasfur ma kienx

dikjarat u registrat ma' l-Awtorita Kompetenti sal-31 ta'Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew certifikati minn l-Awtorita Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) ta' l-A.L. 79 ta' 1-2006, hekk kif emendat, L.S 504.71;

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, zamm ghasfur, kemm haj kemm jekk mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-iskeda III tar-Regolamenti ta' 1-2006 dwar il-konservazzjoni ta' Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista jittiehed, jew jinqabad legalment taht id-Dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasfar Selvaggi, kif ukoll taht il-Ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor, dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1ta'Mejju tas-sena 2004, u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(f) ta'l-A.L. 79 ta' l-2006, L.S 504.71;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas milli jzzomm fil-pussess tieghu u ghal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjun, kif provdut fil-paragrafi (e) u (f), il-permessi, certifikati u dokumenti li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita Kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-Dispozizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S 504.71;

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-'corpus delicti' u is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Gunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(e) tal-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, LS 504.70, u 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, LS 504.71, tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu multa ta’ elfejn ewro (€2000) u ordnat il-konfiska tal-ghasafar.

Rat ir-rikors tal-appellant David Falzon ipprezentat fl-24 ta’ Gunju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar u tirrevoka is-sentenza appellata fejn huwa nstab

hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u minflok jigi liberat minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament, tvarja l-piena inflitta u dan billi tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L-Ewwel Onorabbli Qorti jidher illi sabet htija fl-appellant esklussivament a bazi ta' dak li huwa stqarr mal-Pulizija u ir-Rapprezentanti tal-M.E.P.A, senjatament l-Ispettur ta' l-Ambjent Stanley Gatt, fejn waqt l-imsemmija tfittxija gor-residenza ta' missieru, u cioe' waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija, minghajr ma huwa nghata access ghal assistenza legali, huwa ha responsabilta' ghal xi whud minn l-oggetti li nstabu fir-residenza ta' missiseru.

Inoltre, jirrizulta car ukoll illi hadd mill-Pulizija ma ta lill-appellant id-debita twissija illi dak kollu li kien se jghid, waqt l-investigazzjoni tikkostitwixxi prova kontra tieghu.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal diversi kazijiet decizi mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. In succint, il-Qorti dejjem sahqet illi d-drittijiet sanciti permezz ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u senjatament l-Artikolu 6(3)(c) jinkludi d-dritt ta' assistenza legali, sa mill bidu ta' l-investigazzjoni tal-Pulizija, u anke waqt illi l-persuna tirilaxxa l-istqarrija taghha. Inoltre, gie kkristalizzat il-principju, illi kwalunkwe stqarrija fejn persuna jinkrimina ruhu, ghandha tigi kkunsidrata b'kawtela kbira mill-Qrati, specjalment meta din l-istess sqarrija jew ammissjoni tkun l-unika prova migjuba kontra l-persuna akkuzata.

Illi inoltre, jerga jigi ribadit, illi ma jidhirx illi l-appellant inghata t-twissija illi dak kollu li kien se jinghad, seta jintuza bhala prova fil-konfront tieghu.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet <u>Salduz vs Turkija,</u> applikazzjoni numru 36391/02, il-Grand Chamber tal-Qorti, ghamlet referenza ghar-rapport ta' CPT *European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading*

*Treatment* or *Punishment*, fejn f'dan l-istess rapport, sahqu *illi* *<u>all persons deprived of their liberty by the law enforcement agencies, including persons suspected of offences falling under the jurisdiction of the State Security Courts, be granted as from the outset of their custody the right of access</u>* <u>to *a lawyer*</u>. *The CPT recognises that in order to protect the legitimate interests of the police investigation, it may exceptionally be necessary to delay for a certain period a detained person's access to a lawyer of his choice; however, in such cases, access to another independent lawyer should be arranged.* Il-Qorti stess sahqet illi: *'Article* 6(3)*(c), is not only restricted to assistance by a lawyer during trial in front of a court of law, but such right extends* to *legal assistance during the initial stage of police investigation ... "*

Issir referrenza wkoll ghall-kawzi ohra decizi mill-Qorti Ewropeja u cioe', <u>Plonka vs Polonja, Salduz vs</u> Turkey u <u>Panavotis vs Grecja</u>.

Il-Qrati taghna wkoll qed isegwu dan il-principju, u f'kawza fl-ismijiet *il-<u>Pulizija vs Esron Pullicino</u> u il-<u>Pulizija vs Alvin Privitera,</u>* il-Qorti sahqet illi n-nuqqas ta' assistenza legali matul il-perjodu ta' l-arrest u l-investigazzjoni, inkluz il-perjodu matul liema l-persuna nvestigata jirilaxxa l-istqarrija tieghu, iledu d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq. Dan bil-konsegwenza li l-Qorti ma kelliex tistrieh fuq din il-prova sabiex fuqha tibbaza s-sejbien ta' htija.

Sentenzi aktar recenti, ukoll hadu l-istess binarju, u fil-fatt il-Qrati taghna ghamluha cara li ghalkemm tali stqarrijiet m'ghandhomx jigu sfilzati minn l-Atti, il-Qrati jew il-gurati, skont il-kaz, xorta ghandhom ikunu kawti meta jigi biex jiggudikaw persuna a bazi ta' stqarrija jew konfessjoni maghmula minnu, minghajr assistenza legali, specjalment meta tali jikkostitwixxu l-unika prova kontra l-akkuzat.

Ghalhekk, mhux safe li Qorti ssib htija biss fuq stqarrija jew konfessjoni rilaxxata minn persuna, meta l-persuna tkun rilaxxat din l-isqarrija jew konfessjoni minghajr ma tinghata l-fakulta li tikkonsulta ma' avvukat qabel taghmel dan, u ghalhekk bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, u cioe' d-dritt ta' smiegh xieraq matul il-proceduri. Fil-fatt, f'dan il-kaz, mhux talli li l-appellant ma nghata ebda dritt ghal assistenza legali, talli jidher illi lanqas biss inghata *caution.*

It-tieni aggravju ta' l-appellant jikkoncerna dik li hija l-piena, u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi umilment sottomess, illi l-piena nflitta fuq l-appellant kienet wahda esagerata, u dan peress illi l-Qorti mponiet l-multa massima applikabbli ghal-kaz, allavolja l-appellant ghandu kondotta netta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz hu ta' natura sommarja u konsegwenza ta' dan hi l-prassi (li mhiex prassi tajba) li ma ssirx it-traskrizzjoni tax-xiehda li l-persuni taw quddiem l-ewwel Qorti. Konsegwenza ta' dan, din il-Qorti kellha terga tisma x-xhieda prodotti qudiem l-ewwel Qorti.

Illi l-provi f'dan il-kaz huma d-dokumenti ezebiti quddiem l-ewwel Qorti, l-affidavits ta' PS1298 Lambert Zammit u ta' PC389 Silvio Bonnici u ix-xhieda ta' Stanley Zammit li meta gara l-kaz kien 'in charge' mis-sezzjoni tal-Avifauna tal-MEPA.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-14 ta' Mejju, 2012 il-pulizija gew infurmati li f'residenza Hal-Qormi kien qed isir ibbalzmar ta' ghasafar illegali. Ghalhekk, il-pulizija talbu lill-Magistrat tal-Ghassa biex johrog mandat ta' tfittxija biex imorru fil-fond "Goldfinch", Triq Guze Muscat Azzopardi, Qormi. Hemmhekk, sabu lil George Falzon, missier l-appellant, u David Falzon, l-appellant. Fil-fond sabu numru ta' tajr ibbalzmat izda ma kien hemm xejn illegali. Fil-kors tat-tfittxija nsatb freezer li kien fih karassi ta' tjur. Skont il-pulizija George Falzon qallhom li t-tajr ibbalzmat kien tieghu izda l-karassi kienu ta' ibnu l-appellant. Dan gie konfermat mill-appellant li qallhom li dak kien gabhom mieghu mill-Iskozja.

Illi minhabba l-fatt li l-pulzija ma kienux esperti fit-tjur sejhu lil Stanley Gatt biex jigi stabbilit jekk l-appellant verament gab dan it-tajr mill-Iskozja. Fil-fatt, Stanley Gatt eleva tleta u tletin (33) ghasfur. L-appellant ma pprezenta ebda dokument li javalla l-provenzjenza ta' dawn l-ghasafar.

Illi mix-xhieda ta' Stanley Gatt jirrizulta li l-appellant kien assuma r-responsabilita' ta' dawn l-ghasafar li kien qallu li kienu tieghu. L-appellant kien qallu li akkwista dawn l-ghasafar wara sessjoni ta' kacca fl-Iskozja. Stanley Gatt fil-kors tal-invesigazzjoni tieghu kien kellem lill-gamekeeper fejn kien ikkaccja l-appellant. Konsegwenza ta' dan, in-numru ta' ghasafar li l-povenzjenza taghhom kienet mhux maghrufa nizlu ghan-numru ta' ghoxrin (20). L-appellant ma pprovda ebda spjegazzjoni ta' kif spiccaw ghandu dawn il-karcassi ta' ghoxrin (20) ghasfur.

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li ma nghatax id-dritt ghall-access ghal ghajnuna legali u li l-pulizija ma taw ebda twissija li dak kollu li kien ser ighid tista' tikkostitwixxi prova kontra tieghu. Din il-Qorti taqbel ma tali sottomissjoni. Madankollu, jekk jigu milqugha dawn l-aggravju u qed jigu milqugha, ma jfissirx li l-kwistjoni tieqaf hawn. Irid jigi stabbilit jekk hemm xi provi ohra li jistghu jigu addebitati lill-appellant.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti hemm provi ohra li jistghu jigu addebitati lill-appellant. Hu assuma r-responsabilita' ta' dawn it-tajr ma Stanley Gatt li min-naha tieghu, kif seta' legittimament jaghmel, talab il-provenzjenza ta' dawn it-tjur. L-appellant ma ezebixxa ebda dokumentazzjoni dwar dawn it-tjur la lil Stanley Gatt wisq anqas lill-ewwel Qorti jew lil din il-Qorti. Anzi, Stanley Gatt ma hax linja semplici u ddecida li la ma kienx hemm dokumneti allura dawn it-tleta u tletin tajra kienu kolla sprovvisti minn dokumentazzjoni. Kif jirrizulta Stanley Gatt ma oltre d-dover tieghu u skopra li fil-fatt kien hemm biss ghoxrin (20) ghasfur minghajr provenjenza legittima. Ghal din il-Qorti dan hu bizzejjed biex tigi radikata r-responsabilita' penali tal-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' David Falzon u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena tilqa l-appell ta' David Falzon. Thassar u tirrevoka l-multa

nflitta ta' elfejn euro (€2,000) u minflok tikkundanna lil David Falzon li jhallas multa ta' elf euro (€1,000).  Tordna l-konfiska tal-ghasafar mhux konformi mal-ligi.